MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 624/2012

**Emanuela *sive* Lillian Bonello**

**-vs-**

**Leslie Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta’ Ġunju 2012 li permezz tiegħu l-attriċi Emanuela Bonello ppremettiet illi:

Illi l-kontendenti nfirdu personalment permezz ta’ kuntratt datat 3 ta’ Ġunju 2010 in atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono;

Illi *ai termini* ta’ klawsola numru sitta sub-inċiż wieħed [6(i)] tal-kuntratt hawn fuq imsemmi, il-kontendenti ftiehmu li: *“għar-rigward tad-dar matrimonjali numru erbghin (40),*

*Triq il-Koppla, Fgura, li n-nofs indiviż ta' din id-dar hija proprjeta' tal-mara, il-mara qiegħda tassenja lir-raġel id-dritt tal-użu u l-abitazzjoni lill-istess raġel għal-għomru, salv illi l-istess raġel dan l-istess dritt ta' użu u abitazzjoni jitilfu, kemm-il darba jerġa' jiżżewweġ, kif ukoll jekk idaħħal terzi persuni oltre l-ulied komuni, jgħixu hemmhekk".*

Illi kif ser jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża, il-konvenut fil-fatt daħħal terzi persuni jgħixu ġewwa l-fond surriferit; għalhekk *ai termini* tal-kuntratt ta' firda personali bejn il-kontendenti, huwa ddekada mid-dritt ta' użu u abitazzjoni lilu konċess *ai termini* tal-istess kuntratt, u relattiv dan id-dritt għall-fond numru erbgħin (40), Triq il-Koppla, Fgura;

Illi l-konvenut, minkejja konsapevoli tad-dekadenza tiegħu mid-drittijiet lilu konċessi fuq il-kuntratt ta' firda personali qiegħed espressament jirrifjuta li jivvaka dan il-fond, ġja' dar matrimonjali. Dan bi preġudizzju serju lill-attrici li kkonċediet id-drittijiet in diżamina taħt kundizzjoni ċara u inekwivoka.

Illi għalhekk kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

Illi jgħid għalhekk il-konvenut intimat 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kwalunkwe ordni u dikjarazzjoni neċessarji jew opportuni:

1. Tiddikjara, għar-raġunijiet premessi li l-konvenut kiser il-kundizzjoni mposta fuqu minn klawsola numru sitta sub-inċiż wieħed [6(1)] tal-kuntratt ta' firda personali bejn il-kontendenti datat 3 ta' Ġunju 2010 in atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono.

2. Tiddikjara konsegwentement, għar-raġunijiet premessi li l-konvenut iddekada minn, ossia tilef, id-drittijiet lilu konċessi skond il-klawsola preċitata, u ċjoe' d-dritt tal-użu u l-abitazzjoni għal-għomru ġewwa l-fond, ġja' dar matrimonjali, numru erbgħin (40), Triq il-Koppla, Fgura.

3. Tordna għalhekk lill-istess konvenut sabiex, fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi prefiss lilu minn din l-Onorabbli Qorti, jiżgombra mill-immobbli, ġja' dar matrimonjali, numru erbgħin (40), Triq il-Koppla, Fgura.
Bl-ispejjeż kontra l-konvenut Leslie Bonello, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Leslie Bonello ppreżentata fil-5 t'Ottubru 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi fl-ewwel lok, ma huwiex minnu li l-eċċipjenti kiser il-kundizzjoni mposta fuqu minn klawsola numru sitta sub-inċiż wieħed [6(i)] tal-kuntratt ta' firda personali bejn il-kontendenti datat 3 ta' Ġunju 2010 in atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono, anness mar-rikors promotur.

Illi għalhekk l-eċċipjenti ma ddekada jew tilef l-ebda dritt lilu konċess skond il-klawsola preċitata, u ċjoe' d-dritt tal-użu u l-abitazzjoni għal għomru ġewwa l-fond numru erbgħin (40) Triq il-Koppla, Fgura.

Illi jiġi rilevat li t-tielet talba, ma tistax tiġi trattata minn din l-Onorabbli Qorti, *stante* li ma jirrizultax ksur tal-klawsola numru sitta subinċiż wieħed [6(i)] tal-kuntratt ta' firda personali bejn il-kontendenti datat 3 ta' Ġunju 2010 in atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono, anness mar-rikors promotur.

Illi in vista tal-premess, l-eċċipjenti ma għandux ibati l-ispejjeż ta' din l-istanza.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat l-affidavits;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-24 t'April 2013 fejn il-kawza tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat,

Illi kif jidher mill-atti fl-2010 il-partijiet isseparaw konsenswalment u l-konvenut baqa' jgħix fid-dar matrimonjali kif ftehmu l-partijet stess f'dak il-kuntratt ta' separazzjoni. Kien hemm, pero' kundizzjoni li huwa ma setax idaħħal persuni oħra jgħixu miegħu (apparti t-tfal tiegħu u tal-attriċi).

Illi jirriżulta li skond affidavit ta' ċerta Ruth Caruana, din għamlet xahrejn tgħix mal-konvenut fil-fond in kwistjoni. Il-konvenut ma ċaħadx dan fix-xhieda tiegħu, iżda qal li lil din il-persuna kien ħadha tgħix miegħu biex teħodlu ħsieb it-tfal.

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li l-konvenut kien veritjier fid-depożizzjoni tiegħu, u mir-ritratti esebiti mill-attriċi ftit hemm dubju li f'dak il-perjodu huwa kellu relazzjoni ma' din il-persuna. Kien x'kien żgur li huwa kiser id-dispożizzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni msemmi, u allura għandu jitlef il-benefiċċju li kien tah dak il-kuntratt.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonjiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi.**

**Għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' tlett xhur.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------